MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 434/2009

**Edrichton Holidays Limited**

**Vs**

**Raffaele u martu Raiza konjugi Scollo ezercenti l-kummerc taht id-ditti “Elegua Viaggi” u “Tocororo”**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li bih is-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici topera fil-qasam tat-turizmu billi, inter alia, toffri servizzi ta’ akkomodazzjoni, u dan gewwa diversi lukandi hawn Malta, u billi tipprovdi wkoll servizzi relatati ma’ trasport, u dan, principalment, bejn il-port jew l-ajruport internazzjonali ta’ Malta u l-istess lukandi;

Illi s-socjeta` attrici toffri tali servizzi ta’ akkomodazzjoni kemm gewwa lukandi gestiti mill-istess socjeta` attrici – jew sussidjarji taghha – u kif ukoll gewwa lukandi gestiti minn terzi u dan skond, inter alia, it-tip ta’ akkomodazzjoni li tkun giet rikjesta mill-klijenti taghha – li fosthom hemm ukoll tour operators li joperaw fl-esteru – li jinkarigaw lis-socjeta` sabiex jipprovdu dawn is-servizzi ta’ akkomodazzjoni skond ir-rekwiziti taghhom;

Illi meta s-socjeta` attrici tigi nkarigata mill-klijenti taghha sabiex toffri servizzi ta’ trasport ghall-persuni li jkunu ser jigu alloggjati gewwa l-lukandi suriferiti, tali servizzi jinghataw direttament mis-socjeta` attrici;

Illi l-konvenuti, bhala tour operators li joperaw minn gewwa Sqallija, kienu, ghal diversi snin, jaghmlu uzu mis-servizzi provduti mis-socjeta` attrici u dan billi kienu jinkarigaw lill-istess socjeta` attrici sabiex tipprovdihom b’servizzi ta’ akkomodazzjoni lil numru ta’ turisti – fil-maggiorparti taghhom Taljani – gewwa lukandi hawn Malta u kif ukoll sabiex tipprovdi servizzi ta’ trasport lill-istess turisti sabiex tali turisti jittiehdu lejn il-lukandi li fihom ikunu ser jigu alloggjati u, fi tmiem il-btala taghhom, jitwasslu lura lejn il-port jew lejn l-ajruport internazzjonali ta’ Malta;

Illi ghal diversi snin is-socjeta` attrici ghalhekk ipprovdiet dawn is-servizzi ta’ akkomodazzjoni u servizzi ta’ trasport, fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenuti, u dan skond kull ftehim relattiv milhuq permezz ta’ komunikazzjonijiet bl-email, sew fir-rigward tar-rati applikabbli ghas-servizzi tal-akkomodazzjoni u dwar ir-rati applikabbli ghas-servizzi tat-trasport, u kif ukoll fir-rigward tal-pattijiet u kundizzjonijiet applikabbli li kellhom jirregolaw kull tali ftehim u servizzi, skond allocation agreements illi jkunu gew trasmessi mis-socjeta` attrici lill-konvenuti, u accettati mill-istess konvenuti permezz ta’ komunikazzjonijiet bl-email;

Illi kopja ta’ lis-standard allocation agreement li kien in vigore bejn il-partijiet matul il-perjodu in kwistjoni gie anness u mmarkat bhala DOK A;

Illi l-konvenuti kienu, minn zmien ghal zmien, ihallsu akkont tas-servizzi illi s-socjeta` attrici dejjem ipprovdiet skond l-inkarigi moghtija lilha mill-konvenuti u kif pattwit;

Illi pero’ l-konvenuti waqqfu hesrem milli jkomplu jhallsu ghal dawn is-servizzi, minghajr ebda raguni valida fil-ligi, u llum jinsabu debituri tas-socjeta` attrici fis-somma kumplessiva ta’ dsatax il-elf, tlett mija u disa’ u erbghin Ewro u seba’ u ghoxrin centezmu (€19,349.27) rapprezentanti l-import ta’ diversi invoices li nhargu mis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi ta’ akkomodazzjoni u servizzi ta’ trasport li gew rezi mill-istess socjeta` attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenuti;

Illi nonostante l-fatt illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-imsemmi ammont ta’ € 19,349.27 huma baqghu inadempjenti u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi jezistu r-rekwiziti kollha naxxenti minn artikoli 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) sabiex dan ir-rikors guramentat jigi deciz bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u dan stante illi l-hlas ta’ € 19,349.27 dovut mill-konvenuti lis-socjeta` attrici jikkwalifika bhala dejn illi huwa cert, likwidu, u li ghalaq, u li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta’ fatt, u billi, inoltre, sa fejn huwa maghruf mis-socjeta` attrici, l-konvenuti ma ghandhom l-ebda eccezzjonijiet x’jaghtu kontra t-talba ghal-hlas ta’ l-imsemmija somma ta’ € 19, 349.27;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-artikoli 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tiddikjara illi l-konvenuti huma dovuti li jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta' dsatax il-elf, tlett mija u disa' u erbghin Ewro u seba' u ghoxrin centezmu (€ 19,349.27) rapprezentanti l-valur ta' servizzi ta' akkomodazzjoni u ta' trasport li gew rezi mis-socjeta` attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenuti;

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' dsatax il-elf, tlett mija u disa' u erbghin Ewro u seba' u ghoxrin centezmu (€ 19, 349.27) ghar-ragunijiet hawn spjegati.

Bl-ispejjez u bl-imghax, dekorribbli b'effett minn erba' (4) gimghat wara d-data ta' kull invoice relattiv, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghall-konvenuti.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------